# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 1905/96 AJM

Kawza numru

Dr. Louise Sant Fournier ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Heirloom Furniture Limited

Vs

Jawad Shaikh u Anna Shaikh

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Gunju 1996 li permezz taghha l-attur wara li premetta li s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti ghas-somma ta' tlett elef mija hamsa u disghin lira maltin (LM3,195) dovuti bhala bilanc minn prezz ta' xoghol ta' injam maghmul ghall-konvenuti fuq ordni taghhom stess, ghall-hanut taghhom bl-isem Jas Dress For Less, u kopja tal-fattura relattiva qeghed tigi hawn annessa u markata Dok A; illi l-konvenut ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont diversi drabi, baqghu inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' LM3,195 dovuti ghall-xoghol ta' njam maghmul ghall-konvenuti fuq ordni taghhom stess.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra bonarja tal-24 ta' Jannar 1996, tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 1996, u tal-mandat ta'qbid u ta' sekwestru ppresentati kontestwalment ma dina c-citazzjoni u bl-imghax legali minn Ottubru 1995 sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenuti ppresentata fl-20 ta' Jannar 1997 li permezz taghha eccepew:-

1. In-linea preliminari li l-attrici trid tipprova li ghandha r-rappresentanza tas-socjeta'.
2. Illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut in kwantu jeccedi dak orriginarjament miftiehem u di pju dak miftiehem ga' jinsab imhallas.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-18 ta' Marzu 1997 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu 1998 meta gie mahtur l-AIC Michael Angelo Refalo bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku mahluf fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2001.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tad-dokumenti ezebiti. Semghet lill-espert tekniku li gie eskuss mill-atturi u hadet ukoll konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza gahs-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici Heirloom Furniture Limited kienet hadet ordni minn ghand il-konvenut ghall-arredament tal-hanut taghhom gewwa Villambrosa Street, l-Hamrun li jgieb l-isem 'Jas Dress for Less'. Il-konvenuti kienu inkarigaw ditta ta''interior designers' biex jippreparaw id-disin tal-hanut fuq liema kellha issir l-ordni mas-socjeta' attrici. Dawn id-disinji gew sottomessi lill-atturi li ippreparaw mudell tal-uprights u stima tax-xoghol fl-ammont ta' LM7,150. Il-konvenuti izda ma kienux kuntenti bil-mod kif kien progettat ix-xoghol skond id-disinji originali u anke hassew li l-kont kien wisq. Ghalhekk is-socjeta' attrici ippreparat disinji hija stess u inharget stima gdida fl-ammont ta' LM5,300 li fuqha inghata ix-xoghol.

Ix-xoghol gie ezegwit biss gara li matul l-ezekuzzjoni tieghu l-konvenuti talbu li jsiru xi alterazzjonijiet billi f'okkazzjonijiet jitnaqqas xi xoghol u f'okkazzjonijiet ohra jizdied xi xoghol. Kien ghalhek li meta x-xoghol gie

terminat il-konvenuti gew ppresentati b'kont li kien jeccedi bil-bosta li stima originali minhabba dawn l-"extra works" u barra minn hekk bejn id-data li inghata x-xoghol u meta dan gie ezegwit giet promulgata l-ligi tat-Taxxa tal-Valur Mizjud li kompla jzied l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici. Il-konvenuti ma qablux mal-kont lilhom ppresentat u f'dawn il-proceduri eccepew li l-ammont reklamat ma huwiex dovut in kwantu jeccedi dak originarjament miftiehem u di pju dak miftiehem ga jinsab imhallas.

Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li mhux korretti l-konvenuti f'dak li jsostnu fit-tieni parti tal-eccezzjoni taghhom billi mill-ammont miftiehem ta' LM5,300 huma sal lum ghandhom hallsu biss LM5,200 u ghalhekk baqa' bilanc fuq l-prezz miftiehem ta'LM100. Illi kwantu ghall-ewwel parti tal-eccezzjoni tal-konvenuti li donna hija bazata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1639 tal-Kap 16 ghandu jinghad li l-appaltatur hu prekluz milli jitlob zieda fil-prezz fuq dak miftiehem, inkwantu dik iz-zieda tkun tirriferi ghax-xogholijiet miftehma. Izda meta, bhal fil-kaz in ezami, t-talba tikkoncerna 'extra works' mhux originarjament kontemplati u taxxa imposta b'ligi, l-ammont addizjonali pretiz bl-ebda mod ma hu relatat mal-appalt originali.

Dan premess jidher li hemm qbil da parti tal-konvenuti li matul l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet mis-socjeta' attrici kien hemm varjazzjoni f'dak li kien gie miftiehem originarjament billi jew tnaqqas xi xoghol jew zdiedu xi 'items' ohra mhux kontemplati. Tant hu hekk li l-istess konvenut tghid li huma kienu accettaw li jhallsu tal-extra works jekk verament kien dovut. Il-kwistjoni kollha ghalhekk tirrizolvi ruhha f'determinazzjoni ta' fatti u cioe liema kienu dawk ix-xogholijiet mhux originarjament kontemplati.

L-atturi ezebew lista (Dok JC1 a fol 15 u 16 tal-process) maghmula mill-istess konvenuti li tindika dettaljatament ix-xogholijiet li kellhom jsiru u fuq liema saret li stima ta' LM5,300. Giet ezebita ukoll mill-atturi lista (Dok JC2 fol 17 tal-process) li taht l-items (b) sa (k) tindika, bil-prezzijiet relativi, dawk ix-xogholijiet kollha addizzjonali li skond l-istess socjeta' jiggustifikaw it-talba taghhom f'dawn il-proceduri, naturalment inkluz ukoll l-ammont imhallas bhala VAT.

Il-perit tekniku mahtur minn din il-Qorti ghamel rassenja tad-diversi 'items'imsemmija fid-dok JC2 u, wara li ha in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti u l-argumenti in sostenn ta' tezi u ohra, issottometta l-konkluzzjonijiet tieghu fir-rigward. Mir-rapport tal-gharef perit insibu li l-parti l-kbira tal-'extra works' gew accettati minnu bhala tali u li konsegwentement ghandhom jigu kumpensati. B'hekk naraw li l-pretensjoni tal-atturi fir-rigward tal-'Cash display counter' tal-'wall unit', tal-'upholstered stool', tas-'seven clothes dummies', tal-'four door jamms', tal-'small vetrina' u tal-'extra work on mirrored door' fl-ammont komplessiv ta' LM1,378, giet ammessa mill-istess perit. Filwaqt li t-talbiet attrici fir-rigward tal-'extra moulding', tal-'paneling in changing rooms' u tad-'display steps' fl-ammont komplessiv ta' LM1,037 ma gewx accettati mill-istess perit.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet presentata mill-konvenuti ma saret ebda kritika ghall-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku. Anzi ghal kuntrarju gie sottomess mill-gharef difensur tal-konvenuti li skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati l-Qorti hija tenuta li timxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-espert in materja li jkun gie imqabbad appositament. B'dana kollu b'lejalta lejn il-Qorti gie ukoll korrettament

sottomess li "ebda Qorti ma hi marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha."

Ghal kuntrarju s-socjeta' attrici, filwaqt li rrimettiet ruhha ghall-konkluzzjonijiet peritali fejn dawn kienu jagevolawha, ghamlet kritika tal-konkluzzjonijiet peritali fir-rigward tal-partiti fuq imsemmija, kif ukoll fir-rigward tal-konkluzzjonijiet tal-istess perit dwar l-obbligu tal-konvenuti ghal hlas ossia rifuzjoni tal-VAT.

Illi ghandu jigi osservat qabel xejn li l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku imqabbad mil-Qorti fir-rigward tal-partiti li ma gewx kunsidrati bhala "extra works" kienet bazata fuq "nuqqas ta' provi konvincenti" imressaq mill-atturi. Bir-rispett kollu lejn l-gharef perit din il-Qorti hija tal-fehma li la darba gie stabbilit li l-appalt originali bil-prezz ta' LM5,300 kien marbut mal-pjanti godda preparati mis-socjeta' attrici li ssostitwew dawk presentati mill-konvenuti, ma setghetx issir aktar referenza ghall-pjanti originali u l-kompitu tal-perit gudizzjarju kien li jara jekk l-partiti reklamati mill-atturi bhala 'extra works' kienux jew le inkluzi fl-imsemmija pjanti preparati mis-socjeta' attrici. U, f'kaz li ma jirrizultawx fl-imsemmija pjanti jipproponi li t-talba attrici ghall-prezz taghhom tigi kunsiderata favorevolment.

F'dan ir-rigward jinghad ukoll li ghalkemm huwa minnu li l-istima ta' LM5,300 kienet 'lump sum' u mhux 'itemized' l-appalt kien necessarjament marbut u cirkoskritt mal-pjanti li gew sottomessi mis-socjeta' attrici u accettati mill-konvenuti.

Il-Qorti issa sejra tezamina id-diversi partiti li ma gewx accettati mill-perit gudizzjarju.

Para. 29.2 **Extra Moulding : LM280.**

Il-perit gudizzjarju fil-konsiderazzjonijiet tieghu ghamel referenza ghal dak li xhedet Josephine Camilleri u dak li gie indikat lilu waqt l-access mill-konvenut. Filwaqt li l-attrici sostniet li dan il-moulding ma kienx inkluz fl-appalt originali, il-konvenuti sostnew diversament billi qalu li dan kien inkluz u l-unika differenza kienet li filwaqt li l-appalt originali kien indikat b'kulur iswed, fil-fatt inhadem 'wood finish'. Michael Camilleri, production manager tas-socjeta' attrici, qal li dan it-'trim' gie ordnat meta x-xoghol kien gja inbeda. Il-perit gudizzjarju fuq il-bazi ta' dawn il-verzjonijiet konfliggenti wasal ghal konkluzzjoni li ma kienx hemm prova sodisfacjenti favur it-tezi attrici.

Issa kif sewwa osserva id-difensur tal-atturi, id-disinn ta' Michael Camilleri li kien jifforma l-bazi tal-appalt, ma juri ebda trimming u ghalhekk filwaqt li ma ghandha ssir ebda referenza ghad-disinji li kien hemm qabel u li gew skartati, l-perit kellu biss jivverifika l-ezistenza o meno tal-moulding fil-pjanti ta' Camilleri. Stante li dan il-moulding ma jirrizultax din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi li dan kien 'extra works'.

Para 29.3 **Panelling in Changing Rooms : LM698**

Hawn ukoll ghandha xhieda konfliggenti bejn l-atturi u l-konvenuti. Il-pjanta Dok HL7, turi tlett mirja fi tett changing rooms immarkati bhala M1, M2 u M3. Skond il-lista A Dok HL1 dawn huma valutati LM105. Josephine Camilleri xhedet li qabel dawn kienu gejjin zewg mirja imdendlin; imbaghad bidlu l-post u ghamluhom zewgt ikmamar u gew

mirja kullumkien. Inoltre billi issa kienu ser jigu free standing kellhom jigu puliti minn kullumkien. Il-prezz reklamat jinkludi mirja u moulding.

Dwar din l-item il-Qorti tosserva li x-xhieda ta' Josephine Camilleri tikkuntrasta ma dak li jirrizulta fil-pjanta Dok HL7 u ma dak li hemm imnizzel fil-Lista A Dok HL1. Infatti dawn id-dokumenti jitkellmu dwar tlett mirja filwaqt li Camilleri issemmi tnejn. Inoltre fil-pjanta jezistu tlett ikmamar mentri Camilleri isemmi zewgt ikmamar. Fl-ahharnett jidher li fil-kont ppresentat ghal dawn ix-xogholijiet ma jinghad xejn dwar tnaqqis tal-ammont ta' LM105 kontemplat fil-progett u stima originali.

Jidher ghalhekk li ghalkemm kien hemm xi kambjamenti fl-esekuzzjoni tax-xoghol originarjament miftiehem, dan ma jammontax ghall-'extra works' izda pjuttost tibdil li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jiggustifikax zieda fil-prezz billi ma setghax jkun gravuz ghall-appaltatur kif jitlob l-artikolu 1639 tal-Kap 16.

Para **29.10 Display Steps : LM59.**

Il-perit gudizzjarju wasal biex cahad it-talba attrici fir-rigward ta' din il-partita billi jghid li fil-pjanta Dok D a fol 69B tal-process jidhru tlett display steps kif qed isostni l-konvenut.

Il-pjanta imsemmija mill-perit tal-Qorti tifforma parti mill-pjanti ppresentati originarjament mill-konvenuti lill-atturi. Kif gja inghad fuq dawn il-pjanti gew skartati mill-kontraenti u konsegwentement kull haga li setgha kien hemm fihom ma ghandha ebda relevanza ghall-vertenza li tinsab quddiem din il-Qorti. Infatti kif gja inghad li stima ta' LM5,300 ma kienetx marbuta jew b'xi mod relata ma dawn il-pjanti izda ma dawk

sussegwentement ppreparati minn Michael Camilleri. F'dawn ma jirrizultaw ebda ‘display steps’. It-talba f’dan ir-rigward ghandha konsegwentement tigi milqugha.

Il-valur totali tax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta’ attrici bejn ghall-progett originali u ghall-extra works, jammonta ghas-somma ta’ LM7017. Minn dan trid tonqos is-somma ta’ LM415 rappresentanti l-valur tal-materjal (upright chrome fixtures) li xtraw il-konvenuti u li kien kontemplat fl-istima originali ta’ LM5,300. B’hekk jibqa’ LM6602.

Fl-ahharnett tibqa’ l-kwistjoni tal-VAT imhallas mis-socjeta’ attrici. Il-perit wasal ghal konkluzzjoni li ma ghandu jigi rifuz ebda VAT fuq l-ammont imhallas qabel ma giet promulgata il-ligi in kwistjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u lanqas ma tikkondividi dak li jinghad mis-socjeta' at’rici fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha fis-sens li gia la darba thallas VAT fuq l-ammont kollu addebitat lill-konvenuti, dawn ghandhom jirrifondu l-ammont hekk imhallas.

Fl-ewwel lok il-fatt li thallas certu ammont akkont tal-prezz qabel ma giet promulgata il-ligi tal-Vat huwa ghal kollox irrilevanti ghal kwistjoni tal-obbligi tal-appaltatur vis-a-vis il-fisco. Il-kuntratt in kwistjoni, ghalkemm beda qabel l-introduzzjoni tal-ligi, gie ezegwit u terminat wara d-dhul taghha fis-sistema fiskali lokali. Ghalhekk l-obligu ta’ hlas ta’ VAT qam dak inhar li d-debitu kien proprjament dovut u pagamenti akkont ma jnaqqsu xejn minn dan l-obbligu. Fit-tieni lok il-VAT imhallas mis-socjeta’ attrici gie komputat fuq l-ammont pretiz u mhux dak realment dovut kif ser jigi determinat gudizjarjament. Ghalhekk jekk l-pretensjoni attrici kienet eccessiva u thallas VAT fuq l-eccess, dan ma ghandhomx jbatuh il-konvenuti.

Tenut kont ta' dak li inghad fuq il-konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli ghal VAT ta' 15% fuq is-somma ta' LM6602 u cioe LM990.30. B'hekk l-obbligu tal-konvenut jwassal ghas-somma ta' LM7592.30. Billi minn dan l-ammont gja thalset is-somma ta' LM5,200, jibqa' bilanc favur is-socjeta' attrici ta' elfejn tlett mija tnejn u disghin lira u tlettin centezimu (LM2,392.30).

Illi fl-ahharnett ghandu jinghad li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti llum hija sorvolata in vista tad-dokument ossia rezoluzjoni ezebita mill-attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attrici nomine s-somma ta' elfejn tlett mija tnejn u disghin lira u tlettin centezimu (LM2,392.30). U dana bl-imghax legali millum billi l-ammont qed jigi likwidat illum stess.

L-ispejjes fic-cirkostanzi jithallsu kwantu ghall-terz mill-attrici nomine u kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri